**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 31 t'Ottubru, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**-vs-**

**Fatih Pancar, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 64310L**

*Kumpilazzjoni Nru. 451/2015*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Fatih Pancar u ċioè talli:

> F'dawn il-Gżejjer fit-30 ta' Mejju, 2015, għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (3:30pm) fi Triq Sant'Andrija, Swieqi, u/jew fil-vicinanzi waqt li kien qed jagħmel użu min vettura b'numru ta' reġistrazzjoni ALI 519 tal-għamla Peugeot:

1. B'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna l-mewt ta' Rodwan Aghil, tifel ta' għaxar snin u dan ai termini tal-artikolu 225 tal-Kap 9.

2. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ALI 519 tal-għamla Peugeot b'mod (a) perikoluż, (b) traskurat, u (ċ) bla kont u dan ai termini tal-artikolu 15 (1)(a), (2)(3) Kap 65;

3. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ALI 519 tal-għamla Peugeot b'sewqan eċċessiv u dan ai termini tal-artikolu 127 ta' L.S. 65.11.

   Il-Prosekuzzjoni talbet li sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-liġi tordna l-iskwalifika ta' kull liċenzja tas-sewqan għal dak il-perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhirilha xieraq.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-**Ispettur Carol Fabri** xehdet dwar kif kienet infurmata b'incident fejn tifel safa' mtajjar minn vettura u meta wasslet fuq il-post sabet l-imputat li kien fi stat ta' shock jinghata kura; sussegwentement kien anke ittiehed l-Isptar b'ambulanza.[1] Dwar il-vettura li kienet qed tinstaq mill-imputat tghid: *"Kienet direzzjoni niezla lejn San Giljan pero kienet fil-karriggata l-ohra li taghti ghal San Pawl il-Bahar,........ It-tifel l-indikazzjoni li kellna dak il-hin kienet fil-hrug tal-Luxol Grounds pero l-karozza nstabet metri konsiderevoli l'isfel mill-hrug tal-Luxol......minn informazzjoni li gbarna minn fuq il-post.... jirrizulta li t-tifel hareg mill-fetha li hemm li inti tohrog mill-Luxol Grounds ghal main road, fejn hemmhekk anki ma' l-art kien jidher bic-car kien hemm id-demm, kien hemm tliet postijiet fejn kien hemm id-demm fejn waqaf it-tifel."*[2]

[1] Fol.33
[2] Fol.35

Illi **WPS 299 Roxanne Tabone** tixhed li wara li dahal ir-rapport dwar l-incident marret fuq il-post u sabet zewg infermiera li kienu duty il-Luxol Grounds jaghtu l-ewwel ghajnuna lill-parte leza li kellu demm hiereg minn rasu. *"Innutajna li kien hemm vettura bin-numru ta' registrazzjoni ALI 519 tal-ghamla Peugeot kulur hamra pparkjata hdejn it-tifel..... Haga lil nnutajna l-karozza kienet ipparkjata fuq in-naha l-ohra tat-triq kontra t-traffiku. .. Kienet gejja minn naha ta' Bahar ic-Caghaq sejra direzzjoni lejn San Giljan... Kienet qed thares bil-kontra... Wiccha kien qieghed ihares fid-direzzjoni lejn San Giljan."*. Il-vettura waqfet bejn metru jew metru u nofs il-boghod minn fejn spicca mixhut fl-art it-tifel;[3] ritratt li jinsab fir-relazzjoni ta' Dr Mario Scerri jindika ezatt il-posizzjoni fejn waqfet il-vettura u fejn waqa' t-tifel; **distanza ferm il-boghod minn fejn sehh l-**impatt **u cioe` mit-triq li tohrog mill-Luxol Ground.**[4] Mill-**Current Incident Report** redatt mix-xhud jirrizulta li aktar l-isfel minn fejn sehh l-incident kien hemm **Pelican lights li kienu *"in good working order"* u zebra crossing.**[5]

Illi **Dr. Mario Scerri**, fir-rapport minn tieghu jikkonkludi li l-lezjonijiet fuq il-wicc kienu kompatibbli ma' *blunt trauma*, dawk il-lezjonijiet fuq is-sider kompatibbli ma tkaxkir u l-lezjonijiet l-ohra kompatibbli ma blunt trauma; *"Illi l-kawza tal-mewt ta' Rodwan Aghil kienet relatata direttament ma trauma vjolenti."* Illi l-**patologisti** kkonkludew li l-kawza tal-mewt tal-parte leza kienet *"fractured skull and intracranial haemorrage following a motor vehicle accident."*[6]

Illi l-**Perit Richard Aquilina** xehed li kif jidher fuq il-pjanta annessa mar-rapport tieghu, l-incident sehh fi **triq arterjali** fejn kien hemm traffic lights ghal **pedestrian crossing. Ma kienx hemm brake marks** *"Dak tkaxkir dak not brake marks….Tkaxkir ta' xi oggett. Kien hemm xi tkaxkir u jidhirli bid-demm ukoll mieghu…Fuq il-post ma kienu nstabu ebda brake mark li jikkonducu ghal post tal-incident. Ghax jekk kien hemm brake marks ohra u ma jaslux ghal fejn il-vettura, ikunu ta' terzi dawn u l-art kienet xotta. Indikata wkoll."*[7] Fir-rapport tieghu l-Perit Aquilina jindika li l-vettura kellha *"(i)ghafsa u tkaxkir fuq il-bonnet lejn in-nofs ghan-naha tax-xellug (vide skizz)*[8]*. Il-bonnet kien imressaq lura; (ii) windscreen mifqugh il-*

---

[3] Fol.38
[4] Fol.196
[5] Fol.47
[6] Fol.150; Vide rapport Dok.CA fol.152 et seq.
[7] Fol.225
[8] Fol.231

*gewwa fin-nofs lejn in-naha t'isfel;(iii) il-fanal il-kbir tan-naha tax-xellug quddiem kien mkisser."*[9]

Illi **John Davis** xehed kif hu kien qed isuq vettura fil-Coast Road, b'martu passigier, ghall-habta tat-3.30pm – 4pm u kienu sejrin lejn Santa Venera, *"we noticed a red Peugeot coming up close behind,* ***tail-gating essentially and then overtakes us on the corner***[10]***.... We were doing forty to fifty*** *like I said we commented because it is a forty area we were talking about it.... we were definitely doing forty to fifty,* ***coming to fifty being a residential area.*** *We know that term very well, obviously it was on the road to,* ***we knew there were traffic lights coming up, so we were cautious coming around,*** *and then we didn't think more of it just thought oh well. And then we got towards the traffic lights and I believe they were green to go, but I think they weren't working that day, we saw an orange, I was aware looking around see what's coming, and then literally as we passed near Saint Andrew's* ***I heard a bang and a screech and that is when we saw the incident of the young boy being tossed into the air*** *or run over essentially."*[11]. Jghid li s-sid tal-vettura baqa' jsuq minn gol-lights li skond hu kienu fuq *amber*. Dwar fejn sehh l-incident jispjega *"first we were by the lotto the car stayed about 100 feet in front of us by the time we had just come past the lights. Like I said I heard the hit and the screech at the same time, looked up, and this I believe it was roughly were the turning at Luxol was and the box, or just before the orange box segment. When I looked up and saw the incident happen the car was already on the wrong side of the road, and then it pulled off into the bus station,...... as soon as I turned around* ***we saw the young lad in the air. I mean it was considerably in the air. Very high in fact****, and the car was driving strait and then went off after the actual impact, went off into the bus stop, bus station, and then we pulled over to the left, went over to the bus station, called an ambulance."* Mitkellem fuq il-post mill-pulizija kien qal hekk: *"all of a sudden a red peugot* ***overtook us near the school opposite the Forum****. In my opinion the driver was* ***driving very fast and dangerously****....I heard a loud bang and* ***saw the young boy fly in the air around 2 mtrs****."*[12]

In kontro-ezami jispjega li s-sewwieq kien ghamel overtaking fil-liwja *"it was actually on the bend coming round you can't see oncoming traffic and that*

---

[9] Fol.229

[10] Fol.53

[11] Fol.54

[12] Fol.11

*was another reason we were saying how silly because a lot of the time they overtake coming the other way.... Before Saint Andrew's school on that bend I believe it's a single line in my opinion....That is the point when I first noticed the red Peugeot overtaking yes.".*[13] Jghid li **ma rax lill-parte leza jaqbad u jaqsam it-triq ghall-gharrieda[14] minkejja li kellu vizzwali tajba ghaliex fi kliemu** *"we were the car directly behind. There were no cars behind. It was a strangely quiet day that day to that area there was hardly any cars around."*[15]

Illi **Jessica Davis** li hi *driving instructor*, tispjega kif hi kienet passiggier u zewgha kien qed isuq b'madwar 40km/h[16] fuq il-Coast Road u hekk kif wasslu f'kantuniera sewwieq ta' Peugot hamra ghamel overtaking *"He overtook in a dangerous area where it turned on the bend where they are doing the constructions just before Andrew's School.... We looked at them and they looked back and I said what an idiot to be overtaking on the bend...He was going by alot faster than what we were going....I would say 10kilometres more."*[17] Hi gharrfet lill-imputat bhala s-sewwieq.[18] Tispjega l-incident li rat issehh quddiem ghajnejha *"as we came to about near the lotto office I noticed the car doing something unusual, was **driving more on the other side of the road and swerving** and then all of a sudden... I saw the car swerve and then I saw the young boy get hit. Sorry, and then **he went up into the air, .... I didn't see him run into the road or anything,** I'm so sorry."*[19] Ix-xhud tkompli tippreciza l-manuvri tal-imputat *"As I looked up I saw the car swerve to the right it was mostly, it was more like he was going towards the bus stop to park.... You've got the traffic lights near Saint Andrew's school and you've got the traffic lights next to Luxol. **It was before the Luxol traffic lights and after the Saint Andrew's traffic lights....** I saw the car swerve to the right and then I saw something, well now I know, it hit, and then the boy went up into the air, **he turned it was about ten feet in the air and then he just hit the ground,**".*[20] Zewgha, li kien is-sewwieq, xehed li kien qed isuq bejn 40km/h-50km/h filwaqt li hi tghid li meta qabizhom fil-liwja, kien ghaddej b'madwar 10km/h aktar.

---

[13] Fol.58
[14] Fol.59
[15] Fol.60
[16] Fol.64
[17] Ibid.
[18] Fol.65
[19] Fol.66
[20] Fol.67

In kontro-ezami tikkonferma li meta sar l-*overtaking* il-vettura tal-imputat qabzet il-linja bajda kontinwa li hemm fit-triq.[21] Tikkonferma ukoll li meta rat il-vettura tigbed lejn il-lemin dan kien fl-istess hin li kien sehh l-impatt mal-parte leza, meta imbghad il-vettura spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq.[22] Dwar l-imputat tghid li wara li hareg mill-vettura, nizel gharkubbtejh u beda jikbi u jghajjat.

**Jirrizulta mill-pjanta maghmula mill-Perit Valerio Schembri li l-karreggata hija wahda kif isostnu John u Jessica Davies. Anke l-Perit Aquilina jindika li l-post fejn sehh is-sinistru hemm biss zewg karreggati, wahda kontra l-ohra[23] kif anke hu indikat fil-pjanta minn tieghu.[24]**

Illi **Elsin Hulur** li kien passigier mal-imputat, xehed li kienu gejjin mid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar, l-imputat kien qed isuq b'madwar 50km/h.[25] Jghid li ghaddew mit-traffic lights li kienu fuq l-ahdar u f'salt wiehed ra xi haga gejja ghal fuq il-windscreen u ghatta wiccu b'idejh. Ma setax jispjega min fejn hareg it-tifel u tant kien mahkum b'shock li lanqas felah icempel ghall-ghajnuna.[26] Jiddeskrivi x-xena *"I see on the windscreen something coming, I touch my hands like that because windscreen coming,.. we passed the traffic lights we talking, I talk and he answer, and at once something coming in front of the glass… Something coming like front".*[27] Mill-Current Incident Report jirrizulta li hu kien qal li *"all of a sudden a kid jumped on the street without even looking and Fatih accidentally hit him…Fatih didn't have anytime to stop infact there are no brake marks because this happened very fast and the kid didn't even look to see the cars that were coming".*[28]

In kontro-ezami jikkonferma li l-akkuzat ghadda mill-lights b'sewqan normali ta' bejn **50-60km/h.[29]** Kien hemm zewg traffic lights li lahqu ghaddew u li kienu hodor.[30] Jghid li lanqas lahaq ra lit-tifel fuq il-

---

[21] Fol.69
[22] Fol.72
[23] Fol.229
[24] Fol.231
[25] Fol.74-75
[26] Fol.76
[27] Fol.77
[28] Fol.10
[29] Fol.79
[30] Fol.80 u jerga' jikkonferma dan a fol.84

bankina u ma jafx minn fejn hareg it-tifel.[31]Meta xehed quddiem l-espert Buttigieg Hulur jghid hekk: *"I was seated on the left hand side. I was facing Fatih as I was talking to him. Fatih was looking straight. I never saw the child walking on the pavement."*[32]

Illi **PC874 Wayne Briffa** hu xhud iehor li l-imputat ghamel overatking tieghu fl-istess post fejn sar l-overtaking tal-koppja Davies. Mela **f'liwja fejn hemm skola quddiem il-Forum Hotel) l-imputat mhux karozza wahda qabez izda tnejn**!

Briffa joffri dettal kbir dwar il-velocita` tas-sewqan tal-imputat li identifikah fl-awla[33]: *"Nhar it-30 ta' Mejju tas-sena l-ohra 2015 ghal hin bejn wiehed u iehor it-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar kont ghaddej mat-tfajla tieghi bil-karozza privata tieghi minn mall-coast road,* ***x'hin wasalna kwazi hdejn il-Forum Hotel qabzitna karozza Peugeot hamra number plate ALI 519. Bil-mod kif qabzitna Sur Magistrat qabzitna bi speed ecessiv*** *hafna fil-fehma tieghi, nfatti rrimarkajt lit-tfajla tieghi ara dan kif qieghed isuq. Jiena waqaft hdejn il-lights, jigifieri, hu lahaq qabizna u baqa niezel. X'hin qaleb il-lights jigifieri u nzilt bqajna nizlin iktar l'isfel.... Mill-Forum Hotel direzzjoni lejn San Giljan. Ergajt innutajt l-istess vettura jigifieri qeghda pparkjata l-opppost tat-triq bit-tifel jigifieri qieghed mixhud ma' l-art."*[34]

Illi **Fatih Pancar** ghazel li jixhed u rrakonta kif kien gej minn Bugibba sejjer lejn San Giljan u xhin wasal hdejn il-Forum Hotel kien hemm vettura miexja bil-mod u hu qalaghhom; jghid li **kien qed isuq bejn 40-50km/h kif wasal fid-dawra**.[35] Ikompli: *"after the first traffic light I passed the light, traffic light, they were green, then I keep on my lane going on the left side. ... I keep continue on my lane on my left side. On the Luxol Grounds side.* ***Then there was a second light further down, before the second light, before I arrive the side of the Luxol Ground on my left hand side as a sudden someone came running out and it was too near my car. I didn't have time to apply the breaks there, I just turned the person I swept the car to the right side of my hand but unfortunately it was too late*** *as it happened there I am really sorry about the boy, and with the impact I think I hit the boy on the left side of the car and the car lift the boy and hit the bonnet, and after that I stopped on the right side of the road on the busstop. I want to check*

[31] Fol.82
[32] Fol.116
[33] Fol.256
[34] Fol.255-256
[35] Fol.295

*out what happened. Then I went to go out of the car to check the boy, before that I give my mobile to Elson to my friend to call the police or an ambulance please, and I went out of the car to check the boy. I see the boy lying down and I see a nurse coming, I think she was from Red Cross, there is the Red Cross there, and when she turned the boy I see the blood coming out of his mouth and I faint there".*[36] Jispjega kif hajjtu inbiddlet u tant baqa' trawmatizzat li kellhu jfittex l-ghajnuna ta' psikolgu, kif fil-fatt tikkonferma Valentina Bezzina.[37]

Hekk kif mistqosi jaghti aktar dettalji dwar min fejn hareg it-tifel jghid li f'dak il-hin kien qed isuq **b'50km/h**: *"From the left hand side* ***but I didn't see him because there is the Luxol Ground wall I think, there is the side road, with the side road there is a wall*** *and I think he came running out. ... No I just saw something in the beginning I didn't realise what it is, I mean a person, it was everything happen as a sudden...."*[38] Dwar meta rah l-ewwel darba jixhed *"He was really near the car, I didn't have any time to break I just to avoid him I just as a sudden swerve the car to the right side.".*[39] In kontro-ezami jammetti li meta jsuq fuq il-coast road isuq b'velocita` **ta' 60 km/h** ***"but not I mean very fast"***[40] u jsostni li meta ghamel overtaking tal-vettura ta' Davies kien hemm *double carriageway*

Illi **Emanuel Micallef** minn Transport Malta xehed li t-triq fejn sehh is-sinistru hija wahda **arterjali**, fejn tabelli dwar il-velocita` ma hemmx u ghalhekk japplikaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11), inter alia r-regolament 127 li jipprovdi li l-velocita` massima f'ibliet u irhula ghandha tkun ta' 50km/h.

Illi **Mario Buttigieg**, espert mahtur fl-inkjesta li saret dwar l-incident in dezamina, wara li ezamina l-evidenza li thalliet fuq il-post mill-vettura, u wara li anke ha in konsiderazzjoni x-xhieda ta' diversi persuni inkluz tal-imputat u xhieda okulari, ghamel rikostruzzjoni tal-incident qabel

---

[36] Fol.296-297

[37] Fol.308, il-counselling psychologist, xehdet kif wara li sehh l-incident l-imputat attenda 4 sezzjonijiet bejn Gunju u Novembru, 2015, fejn beda jinghata support aktar minn terapija. Kien qed isib diffikulta` jorqod kellu hafna *flashbacks* kif ukoll kellu sintomi ta' xokk u trawma fejn kien ddispjacut hafna. Esperjenza sens ta' "helplessness" ghax ma seta' jbiddel xejn minn dak li gara. Tghid li ghamel zmien ukoll ma jsuqx izda rega' beda jsuq f'Novembru, 2015.

[38] Fol.298

[39] Fol.299

[40] Fol.302

ma wasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu dwar ir-responsabbilita` kemm tal-imputat kif ukoll dik tal-parte leza fis-sinistru. Buttigieg kkalkula l-*coefficient of friction,* li l-iskop ta' dan it-test hu sabiex jiddetermina il-friction bejn it-tyres u t-triq, bil-ghan li tigi stabbilit il-velocita` li tkun qed tinstaq vettura fuq dik it-triq. Mit-test maghmul minnu rrizulta illi l-wicc tat-triq kien wiehed moderament tajjeb u dwar il-velocita` li biha kien qed isuq l-imputat jikkonkludi li din kienet **velocita` minima ta' sebghin (70.32kfs) kilometru fis-siegha,**[41] **waqt li l-incident sehh f'0.374 ta' sekonda**.[42] L-espert ukoll kkonstata li l-fatt li fuq il-vettura ma kien hemm ebda tracci ohra ta' xaghar jew body fluids dan kien indikattiv tal-fatt li mall-impatt il-parte leza kien projettat il-quddiem jew ghadda minn fuq il-vettura.[43] **Din il-konkluzzjoni issib korroborazzjoni fix-xhieda ta' John u Jessica Davies li jghidu li t-tifel kien mgholli zewg metri l-fuq; it-tifel safa' mtajjar xejn inqas minn 26 metru l-boghod minn fejn sar l-impatt**.

Illi wara li l-espert ha in konsiderazzjoni diversi regolamenti mill-**Kodici Ghat-Traffiku fit-Triq** jghid is-segwenti : *"...Fatih naqas serjament u l-fatti juru illi kien qed isuq il-vettura tiegħu b' mod perikoluż u negliġenti. Ħareġ manifestament ċar li Fatih kien qed isuq b'velocita akbar milli suppost u xorta kellu l-obbligu li jnaqqas sew il-veloċita tal-vettura meta hu kien għaddej minn Triq San Andrija, partikolarment fejn kien hemm il-pedestrian crossings. ....."*[44] Ikompli ***"Illi ħareġ manifestament ċar mill-kalkulazzjoni li għamel l-esponent irrizulta li Fatih kien qed isuq b'veloċita minima ta' sebgħin (70kph) kilometru fis-siegħa****. Illi minn naħa l-oħra Aghil qasam minn ħdejn it-triq li tagħti għal parking erja. Illi fil-viċinanzi ta' fejn seħħ l-inċident hemm* ***żewġ pedestrian crossings****. Waħda tinsab erbgħa u sebgħin punt sitta ħamsa (47.65m) metru bogħod waqt li l-oħra tinsab mija u tmintax punt wieħed seba' (118.17) metru bogħod.* ***Illi Asghil għażel illi ma jużax l-ebda waħda mill-pedestrian crossings provduti mill-awtoritajiet u minflok qasam minn post li jinsab bejn iż-żewġ pedestrian crossings msemmija.*** *Illi dan il-fatt jindika illi hawn il-vittma naqset serjament u għandu jiġi rikonoxxut illi jista jkun hemm negliġenza kontributorja minn naħa tal-vittma. ... Illi hija l-opinjoni umli tal-esponent illi* ***Fatih naqas billi huwa kellu l-obbligu li jħares u jadopera iktar kawtela fis-sewqan tiegħu speċjalment meta hu kien qed isuq f'din it-tali triq u kien hemm żewġ pedestrian crossings f'***

---

41 Fol.124. Vide kif saru l-kalkoli a fol.127

42 Fol.124

43 Fol.123

44 Fol.126-127

***nofs ta' triq. Dan ifisser illi Fatih ma ħax a proper lookout tat-triq li kien qed isuq fiha."***[45]

Illi kif tajjeb josserva l-espert Buttigieg fir-relazzjoni tieghu *"Sewwieqa li jkun qed isuqu f'din it-triq ghandhom l-obbligu li jnaqqsu l-veloċita fl-inħawi peress li f'din it-triq hemm żewġ pedestrian crossings."*[46] Fil-fatt l-***Kodici Ghat-Traffiku fit-Triq*** jipprovdi:-

**265.** Meta **tavvicina POST TA' QSIM GHALL-PEDESTRIAN dejjem kun dejjem lest biex tnaqqas il-velocità jew tieqa**f sabiex taghti d-dritta lill-*pedestrians:*

- dejjem aghtihom id-dritta fuq dawn il-postijiet.
- Aghmel sinjal lix-xufiera l-ohra dwar il-hsieb tieghek li **tnaqqas il-velocità jew li tieqaf**. Ahseb aktar kmieni biex tieqaf meta t-triq tkun imxarrba jew ghan-nizla.

Regolamenti ohra ta' rilevanza huma is-segwenti li gew elenkati minn Buttigieg fir-rapport tieghu-

i. Dejjem aħseb minn qabel x'jistgħu jagħmlu l-pedestrians u ċ-ċiklisti. Jekk il-pedestrians, partikolarment it-tfal, qegħdin iħarsu n-naħa l-oħra, dawn jistgħu jinżlu fit-triq mingħajr ma jarawk.[47]

ii. **Irregola s-sewqan tiegħek** għat-tip u l-kondizzjoni tat-triq li tkun fiha. B'mod partikolari:
 • tqisx il-limitu ta' veloċità bħala mira. Ħafna drabi perikoluż u mhux xieraq li ssuq sal-limitu ta' l-ogħla veloċità.
 • ikkunsidra l-kundizzjonijiet tat-triq u tat-traffiku. Kun lest għal sitwazzjonijiet mhux mistennija jew diffiċli, per eżempju li t-triq tkun imblukkata wara kantuniera. Kun lest biex taġġusta l-veloċità tiegħek bħala prekawzjoni[48].

iii. Oqgħod attent għal xi pedestrian li jitfaċċa minnufih minn wara vetturi weqfin jew xkiel ieħor.[49]

iv. Ħafna mill-pedestrians li jisfgħu maqtula jew korruti serjament ikunu jew ta' taħt il-ħmistax-il sena jew 'il fuq minn sittin sena. Tfal żgħar u nies anzjani jistgħu ma jikkalkolawx tajjeb ħafna l-veloċità, u għalhekk, tista' ssibhom fit-triq meta ma tkunx tistennihom.[50]

Il-Qorti tinnota li huma ta' rilevanza ukoll is-segwenti regolamenti mill-**Kodici Ghat-Traffiku Fit-Triq**:

**205.** Uza aktar attenzjoni f'ghaqda ta' zewg toroq jew f'salib it-toroq. Hares ghas-sinjali tat-traffiku, dawl ghat-traffiku jew marki tal-karreggata relattivi u obdihom.

---

45 Fol.129-130
46 Fol.119
47 Regolament 153 tal-Highway Code
48 Regolament 154 tal-Highway Code
49 Regolament 258 tal-Highway Code
50 Regolament 270 tal-Highway Code

**271. Oghod aktar attent hdejn postijiet fejn ikunu jilaghbu t-tfal, minhabba li dawn, aljenati fil-loghob, jistghu jaqsmu t-triq f'daqqa** (per ezempju, biex jigru wara ballun)

**274.** Sewqan b'velocità gholja ghat-traffiku u l-kondizzjonijiet tat-triq jista' jkun perikoluz. Dejjem ghandek tnaqqas il-velocità meta:
• l-ghamla u l-kundizzjoni tat-triq jipprezentaw periklu, bhal liwjiet.
• sewqan fit-triq fejn hemm *pedestrians* u ciklisti, partikolarment it-tfal u ciklisti bil-mutur.
• sewqan bil-lejl ghax aktar difficli li tara ohrajn li qed juzaw it-triq.

Mistoqsi jispejga ghaliex galadarba it-triq fejn sehh is-sinistru kienet wahda arterjali xorta jikkonkludi li s-sewqan ma kellux jaqbez il-35km/h wiegeb hekk: *"Ghax hemmhekk hemm zewg jekk mhux tlieta pedestrian crossings, jigifieri ma tibqax iktar applikabbli ghal triq maggura li m'ghandek ebda' ostakli. Issa minhabba c-cirkostanzi tat-triq kif inhi wiehed irid inaqqas il-velocita'.... din awtomatikament it is a built up area, hemm il-bini, hemm ground tal-football, hemm hwienet, jigifieri dan mhux xi haga li, hija fattwali, din il-bicca tax-xoghol hi jekk issa min bena dik it-triq bena triq maggura go residential area heqq xorta trid toqghod attent"*[51]

Il-Qorti taqbel pjenament ma din il-konsiderazzjonijiet meta jigi mfakkar li fis-sentenza **Il-Pulizija vs Haden Vella** inghad:[52]

**....speed jista jkun eccessiv anke jekk ma jiskorriex il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita izda jiskorri dawk dedatti mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument.**

Kif anke jidher fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza ma kienitx qed taqbel dwar il-komputazzjoni ta' Buttigieg u qieset li ma kienitx konvinta mill-konkluzzjoni tieghu dwar il-velocita` li wasal ghaliha. Pero` ghalkemm hu minnu li l-istess espert ma setghax jikkalkola kemm kien il-*margin of error* bejn tests li jaghtu indikazzjoni tal-velocita` b'riferenza ghall-posizzjoni tal-impatt fuq il-vettura, madanakollu jispjega li hu kien wasal ghall-kalkolu ta' **velocita` minima ta' 70km/h** , mhux semplicement a bazi ta' dak li jghidu awturi citati fir-rapport tieghu (ez. Bellion u Martinez), izda fuq **kalkoli tad-distanza bejn fejn sehh l-impatt u fejn eventwalment waqfet il-vettura *"Issa jien li qed nghid huwa l-karozza mill-point of impact sakemm waqfet hadet dik il-velocita` kollha biex waqfet f'dik it-triq."*[53]**

---

[51] Fol.281-282
[52] Qorti tal-Appell Kriminali, Deciza 12.07.2007
[53] Fol.290

Illi l-**Perit Valerio Schembri** kien inkarigat ikejjel il-wisa tat-triq hdejn ic-cimiterju ta' l-Inglizi u jindika li f'dik l-akkwata kien hemm *"**zewg linji kontinwi bojod** jaqsmu t-triq f'zewg partijiet u cioe` naha li minnha t-traffiku jghaddi fid-direzzjoni ta' Paceville u l-ohra li minnha jghaddi vice versa u cioe fid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq."*. Mill-pjanta esebita[54] jirrizulta bic-cjar li l-wisa' tal-karreggata (li taghti ghal Paceville) hi ta' 3.90m filwaqt li l-vettura tal-imputat kienet ta' wisa'ta' 1.65m u dik bhal tal-koppja Davies 3.43m.[55]

**Ghalhekk dak kkonstat mill-Perit Schembri jikkorobora lix-xhud Davies meta jghid li biex jaghmel overtaking l-imputat anke qabez iz-zewg linji bojod!** Mill-istess pjanta jidher li kien hemm <u>hard shoulder.</u>[56] Kif indikat fil-pjanta tal-Perit Schembri,[57] **fil-parti fejn sar l-*overtaking* tal-koppja Davies mill-imputat kien hemm zewg linji bojod kontinw**i, l-Qorti rat is-segwenti regolamenti:

**163.** Il-vetturi ghandhom izommu fuq ix-xellug ta' linja jew linji doppji kontinwi u m'ghandhomx jinsaqu fuq, 'l hemm minn, jew b'rota 'l hawn u 'l hemm, minn dik il-linja, hlief fic-cirkustanzi li gejjin u meta ma jkunx hemm periklu biex jaghmlu hekk:
- sabiex tilhaq bini biswit, kemm-il darba ma jkunx hemm sinjali li jipprojbixxu li ddur lejn il-lemin.
- sabiex tidhol fi triq biswit, kemm-il darba ma jkunx hemm sinjal li jipprojbixxi li ddur lejn il-lemin.

**184.** TAQLAX VETTURI OHRA meta tkun qed tavviçina:
- <u>post ta' qsim ghall-*pedestrians, pelican crossing* jew *traffic lights*</u>*;*
- triq li taghqad m'ohra;
- kantuniera jew liwja iebsa;
- il-quccata ta' gholja;
- post fejn il-livell tat-triq ikun se jitbaxxa u jegga' joghla f'daqqa.

**185.** TAQLAX VETTURI OHRA:
- fejn it-triq tidjieq;
- meta biex taghmel hekk iggieghel vettura ohra tohrog minn triqitha jew tnaqqas il-velocità;
- meta ma jkunx hemm spazju bizzejjed u <u>fejn il-vizibiltà ma tippermettix li taghmel dan minghajr periklu</u>;
- meta jkun hemm hafna vetturi wara xulxin quddiemek jew xi vettura li hi stess tkun digà qed taqla' jew li meta taqla' vettura ohra jkun perikoluz jew diffikultuz ghal dak il-hin.

---

[54] 269 (u fol.265)

[55] Fol.265-266

[56] Regolament 1, Kodici Ghat-Traffiku tat-Triq: ***1****….F'postijiet mhux abitati, flok bankini jkun hemm generalment linji bojod kontinwi fil-genb tat-triq, maghrufa bhala hard shoulder.*

[57] Fol.269

Illi wara li gew kkunsidrati l-provi migbura, imiss li tigi kunsidrata l-gurisprudenza nostrana fuq is-suggett. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef** kien deciz:[58]

“Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b’mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta’ negligenza, traskuragni w nuqqas t’osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.

Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista’ tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi *iuxta allegata et probate*. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f’nuqqas ta’ hsieb ‘imprudenza’, ‘negligenza’ jew ‘traskuragni’ jew ta’ hila, ta’ ‘imperizja’ fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta’ osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b’ness ta’ kawzalita’ minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t’attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta’ certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta’ terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta’ tal-event dannuz, li kondotta llegali ta’ xi hadd tista’ ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha ‘colpa incosciente’ a differenza minn dik imsejha ‘colpa cosciente’, li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta’ kodotta kolpuza derivanti minn att ta’ negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tigi mill-agir ta’ xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.

L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe’ kif jghid **Manzini**:- “L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all’ agente di cui egli vuole non tener conto”.

Il-kulpa tista’ tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta’ regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta’ hsara u dannu lil terzi.

Il-Qorti hi ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe’ ta' dak kontemplat fl-**Artikolu 225 tal-Kap. 9,** u cioe’ tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe’ omicidju involontarju. L-**artikolu 225 tal-Kap 9** jiddisponi s-segwenti:

“Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd ...”

---

[58] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fis-17 ta’ Awwissu, 2010, Nru 753/2006 per Onor. Magistrat Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera. Il-konsiderazzjonijiet legali maghmula minn din il-Qorti gew abbracciati fis-sentenzi tal-istess Qorti, diversament preseduta fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Edward Bonnici** (27.010.2016), u **Il-Pulizija vs Rudolph Gatt** (03.02.2016), it-tnejn per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli.

Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe:-
1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ;
2. kkaguna l-mewt ;
3. fuq persuna.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."

L-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** – 1127 pagna 46 ighid:-

"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:
1. la volontarieta dell'atto;
2 la mancata previsione dell'effetto nocivo;
u
3 la possibilita di prevedere.

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa <u>volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi.</u> Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali). [sottolinejar tal-Qorti]

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet culpable negligence u cioe' li tammonta ghal criminal misconduct. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti…. .""

…..Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah *"esprit de voiture"*. U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Issa meta qieset kollox, din il-Qorti ghamlet apprezzament ta' fatt, u li fil-fehma taghha ghandha kull dritt li tasal ghal konkluzjoni li qed tasal ghaliha stante c-cirkostanzi kollha migbura fil-process u partikolarment li kien hemm fattur ta' speed eccessiv li wassal biex sar l-incident in dezamina. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: " **Il-Pulizija vs AIC Mortimer"** (Kollez. Vol. XL . iv. p.1282) "Speed jista' jigi dedott minn brake marks", u fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs R. Bugeja**" (30.6.1962) intqal ukoll li "Speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari, izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza w mill-fatturi ambjentali tal-mument"…..

Il-Qorti dahlet *in funditus* dwar din il-kwistjoni ta' *speed* proprju minhabba dak li gie ribadit fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Gunju 1962*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Portelli** fejn intqal li:

*"Mhux bizzejjed pero li jinghad li l-imputat kien qieghed isuq bi speed qawwi bizzejjed … imma jinhtieg li wiehed jara jekk bejn dak l-ispeed w is-sinistru kienx hemm n-nexus ta' kawza prossima w immedjata." [vide **Il-Pulziija v Manuel Schembri per Onor. Imh. W. Harding datata tmienja w ghoxrin ta' Novembru 1949**].*

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aaron Camilleri et**:[59]

"Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998, "Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza talligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju".

Il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."[60]

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tieghu, jghid hekk:

"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or

---

[59] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Onor. Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras, 25.04.2014, Kump. Nru 609/1993

[60] Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.

desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".[61] [sottolinejar tal-Qorti]

U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

"… kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tekwivali ghal "un atto inconsiderato e rischioso" maghmul b' "leggerezza" jew "sconsideratezza"[62] u kif jghid **Antolisei**, "L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui".[63] U kif insibu fin-**Novissimo Digesto Italiano**, "Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positive dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela."[64] Bl-istess mod, fissentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et, fuq citata inghad illi "L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli".

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-**Manzini**: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto".[65]

Skond l-imsemmija sentenza, "**Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal nonosservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni." Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vegicle Regulations, fost regoli ohrajn.**[emfazi tal-Qorti]

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** jghid illi "The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" … What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (**Carrara,** Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so

---

[61] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67

[62] Dizionario Zingarelli, (2002) "Vocabalorio della Lingua Italiana", Nicola Zingarelli (Edizzjoni 12, Gunju
2001).

[63] Antolisei F., "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366.

[64] Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548.

[65] **Il-Pulizija vs Saverina sive Rine Borg**, fuq citata

known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down."”[66]

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mustafa Gohar** fejn il-Qorti ghamlet studju *funditus* dwar l-elementi kostittutivi tar-reat previst bl-artiklu 225 tal-Kodici Kriminali intqal: [67]

"Kif spjiega l-gurista taljan **Francesco Antolisei**, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.

"Sorgono per tal modo, jkompli dan l-awtur, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi… Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi" [Antolisei, F., Manuale Di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp.322-323]

"Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem 'nuqqas ta' hsieb', 'traskuragni', u 'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni', filwaqt li dawk r-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem 'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti'. Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-legislatur mhux qed jirreferi biss ghall-legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi wkoll ghal dawk r-regolamenti promulgati minn enti privati (perez. r-regolamenti imfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik l-fabbrika).

In fatti kemm fil-**Codice Zanardelli** kif wkoll fil-**Codice Rocco**, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline." Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke f'kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, trasskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament impurdenti jew negligenti mhux biss minn jittraskura li jiehu dawk l-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarju tal-hajja, izda

[66] Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71.

[67] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Nru. 107/2004, 20.11.2004, per Onor. Magistrat Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera, 20.11.2004.

wkoll minn jittraskura li josserva dawk ilprekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita." [emfazi ta-Qorti]

U dik l-Qorti f'dik il-kawza kompliet hekk:
"*Kif jispjiega l-gurista* ***Francesco Carfora*** *(Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775) jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika cert non-kuranza, certu abbandun, kemm intellettiv kif wkoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero l-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet wkoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva ndiretta.*

……Id-definizzjoni tal-**Crivellari** fil-***Codice Penale - Vol III*** hi bazata fuq l-istess postulati u hi din : "*la colpa e la voluntarieta mancanza di previsione delle conseguenze prevedibili del proprio atto.*" (pagna 228, para. 32.).

Meta si tratta ta' colpa huwa mportanti li jigu ppruvat in-*nexus* li ghandu jezisti bejn l-att w r-risultat sabiex l-att jista jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta *chain of causation* bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li jista jirrizulta culpa. Kif gie ***deciz nhar ssbatax ta' Mejju, 1948*** fis-sentenza **Il-Pulizija v Salvatore Camilleri per** ***Imhallef Harding*** li "*Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist.*"

Fil-fatt jkompli jghid :
"*The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations.*"

Fil-fatt **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commentario al Codice Penale Italiano (Vol III, 1622, pg. 286)*** jghid:
"*E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita.*"

Ghalhekk sabiex tirrizulta l-culpa, din il-Qorti trid tassigura ruhha li jezisti ness bejn xi att attribwibbli lill-imputat u r-rizultat, u cioe' bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti.

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Renald Vella** kien deciz:[68]

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Alfred Mifsud****, iddefiniet bl-aktar mod semplici w ezawrenti l-import tat-terminu 'sewqan traskurat' komunement maghruf bl-ingliz bhala 'negligent driving'. Dik il-Qorti sostniet li dan jammonta ghall-kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn*

---

[68]Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; Deciza 19.05.2014 per Onor. Magistrat Dr Consuelo Scerri Pilar, citata fis-sentenza tal- Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia**, per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli, Deciza 05.10.2015

*sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*L-Imhallef Flores fis-sentenza moghtija nhar it-tmienja ta' Mejju, 1971 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs John Mamo****, ukoll ta definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li:*

*"Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissugerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l-prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn."*

*Issa, fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Tanya Sacco*** *l-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1986, qalet li anke jekk persuna ghandha d-dritta xorta wahda ghandha zzomm a proper look out ghal kull incident li jista' jkun immedjatament prevedibbli biex dan jigi evitat.*

*Illi gie ritenut mill-Qrati taghna accident jista' minnu nnifsu jidher li aktarx gara minhabba htija ta' persuna milli ghal kawzi ohra.*

*Hawnhekk fuq il-bazi tal-principju ta' res ipsa loquitur, jaqa' fuq dik il-persuna l-piz biex juri li f'dak li gara ma kellux htija. [vide* ***Il-Pulizija vs Nazzareno Farrugia*** *- Vol. XXXIII - pg. 968]*

*Intqal wkoll li jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostiwixxu dak li 'in subiecta materia' jissejjah 'res ipsa loquitur' "in such circumstances the facts speak for themselves, if no explanation is given by the defendant". [Davies f'Law of Road Traffic citat b'approvazzjoni fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija vs Cassar Desain*** *deciz nhar it-tlettax ta' Jannar, 1962).*

*X'hinu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mill-ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.*

Fl-istess sentenza gja citata (**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud)**, il-Qorti tal-Appell Kriminali enuncjat it-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta'sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:[69]

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.* [sottolinejar tal-Qorti]

*Sewqan bla kont [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li*

[69] Deciza 06.05.1997 per Onor. Imhallef Dr. Vincent DeGaetano.

*m'ghandhux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

*Sewqan perikoluz [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide **Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950) …….*

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clive Vella**[70] saret referenza ghal sentenza ohra moghtija mill--Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Frar, 2003, fis-sentenza fl-ismjiet: **Il-Pulizija vs Francis William Peter George Zarb Adami**:

'F'kazijiet ta' incidenti stradali, hemm certa presumptions of fact li johorgu mill-assjem tar-rizultanzi ta' dak l-incident, li fil-gurisprudenza antika kienu jissejhu 'res ipsa loquitur u li llum ikun korrett li jissejhu circumstantial evidence u li jistghu jimmiltaw biex min irid jiggudika jasal ghal certi konkluzjonijiet dwar ir-responsabilita' o meno tal-akkuzat.'[71]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Brincat** ezaminat l-obbligi tas-sewwieq kif ukoll dawk tal-pedestrian:[72]

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' *"Degree*". (App.Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo** 14.3.59 **; Pul. vs. Wilson,** Vol. XXXIX p. 1018 **u Pul. vs. Alfred Vella,** Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham** , 19.10.1963) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' *recklessness*" (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** XXXIX p. 1018.) "*Recklessness*" giet defenita bhala *"wilfully shutting one's eye* ".(App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina** , 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri** , Vol. XLIV , p.892)

Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali : **"The Police vs. Gunner Brian Wilson**" [7.5.1955] li :- *"It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that*

---

[70] Qorti ta' l-Appell Kriminali Deciza 14.01.2013

[71] Qorti tal-Appell Kriminali, Deciza 7.02.2003

[72] Dec 22.11.2007 per Onor Imhallef Dr. Joseph Galea Debono. Vide ukoll mill-istess Qorti per Onor. Imhallef Dr. David Scicluna **Il-Pulizija vs Mario Angelo Ernest Vincent Zammit**, Deciza 30.09.2009

*dangerous driving implies something more serious than mere careless driving."* (ara ukoll f' dan is-sens : App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Manwel Mallia"** [9.3.1959] u "**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo** " [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament)

Umbaghad fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes"** ( [3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li ;- *"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari ."*

*"Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u nonkuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu."* (ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Charles Farrugia"** [5.3.1955] Vol.XXXIX, iv. p.978)

Insomma kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta' **Mallia** u **Bartolo** fuq citati "*kriterju facli bejn sewqan negligenti w sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit, kif lanqas wiehed ma jista' jaghti definizzjoni preciza ta' sewqan perikoluz. Il-kwistjoni hija kollha wahda ta' "degree" u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu."*

Illi skond ir-regolament 89 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur, *"...meta triq tkun immarkata b' linji bojod paralleli jew b' sinjali ohra biex juru post ta' qsim ghall-uzu ta' nies bil-pass, il-vetturi kolha li jkunu qed jersqu lejn dak il-post ghandhom imexxu bil-mod u , jekk ikun hemm bzonn, ghandhom jieqfu, biex ihallu lin-nies bil-pass jaqsmu dak il-post ta' qsim, u ma ghandhom f' ebda kaz jaqsmu l-passagg ta' xi nies bil-pass li jkunu qed juzaw dak il-post ta' qsim."*

Umbaghad il-paragrafu 124 ta' "The Highway Code" jirrakkomanda li :-
*"When approaching a PEDESTRIAN CROSSING always be ready to slow down or to stop so as to give way to pedestrians; give them the right of way on these crossings...."*

Ikkonsidrat;
Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti**" (Kollez. Vol. XXXVII , iv. p.1217) "*ghandu jigi ezaminat x' kienet il-kawza prossima tal-habta."* u *"Sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm* ***nexus*** *fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni."* (Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Nazzareno Micallef**" [3.12.1960]) . *"Il-vjolazzjoni tar-regolamenti stradali ghandhom indubbjament l-importanza taghhom imma ma humiex bizzejjed biex jistabilixxu l-htija tal-kollizzjon*i." (Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. V. Pavia"** (Kollez. Vol. XXXVI , iv. p.744) .

L-abbli difensur tal-appellant, ghalkemm mhux qed isemmiha espressament, donnu jidher li qed jinvoka ddifiza tas-"*sudden emergency*" ghax qed jallega li l-pedestrian qasmet meta d-dawl kien ahdar, haga li pero' lanqas qalha l-appellant lis- Surgent Gerada a tempo vergine. Issa pero', kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera"** [13.12.68] :

*"Driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-"sudden emrgency" meta l-emergenza jkun holoqha hu."*

Gie ukoll ritenut li : "*Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn ilpedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."* ( App. Krim. **"Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud"** [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li :-

*"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih , dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ."* (App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Alfred Caruana"** [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031).

*"Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu , jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikuezza."* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. George Muscat"** [6.5.1961] Kollez. Vol. XLV p.iv. 947)

Gie ukoll ritenut li "*ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam.." "Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghid dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva."* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Formosa"** Kollez. XLIII, p.iv. p.1023). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. *"meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat"* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Thornton"** Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Cassar Desain**" Kollez. Vol. XLVI . p.iv. p.765).

Il-Corte di Cassazione Taljana , meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabiliet li f' kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet:-

a) "che il-conducente , per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistara il pedone e di osservarne
tempestivamente i movimenti;
b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;
c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."

Ikkonsidrat;
Kif gja intqal, l-appellant kien qed javvicina "pedestrian crossing" minn fejn facilment seta jipprevedi li qed jew ser jaqsmu n-nies……

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "*Hu dover ta' "driver to see what is in plain view".* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963] ) u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ).

"*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."* ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968])......

Illi mbaghad, anki kieku l-pedestrian forsi ma esploratx sew it-triq qabel kompliet taqsam, dan ma jezonerax lissewwieq mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex - apparti mill-fatt li fuq il-*pedestrian crossing* hi kellha tinghata precedenza mill-awtista - f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-pedestrian f' dan il-kaz. (Ara Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri"** [16.3.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Polidano**"[3.11.1963]**"Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud"** (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-*"contributory negligence*" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim."**Il-Pulizija, vs. P.Vassallo",** [Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883]).

Umbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-pedestrian, .... dan seta' biss, ghal massimu, serva ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar.

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet I**l-Pulizija vs Anthony Spiteri:**[73]

"Hu ineggabli li driver ta' karozza ghandu, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a *proper lookout* ghall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* ohra;(Gibb. Trial of Motir Car Acc. Cases sec47), u l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li ....ikollu f'kull hin "proper control over the vehicle".....

Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati; .... Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. ... ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali." [emfazi tal-Qorti]

Illi f'decizjoni ohra tal-istess Qorti iddecidiet:-

... biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghall-responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...[74].

Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati (Malta) esprimiet ruhha hekk dwar l-obbligu li s-sewwieq jezercita` prudenza u kawtela fis-sewqan

[73] Vol. XLIV, p.892 per Onor. Imhallef Dr. W. Harding
[74] **Il-Pulizija vs Joseph Grech**, deciza 06.06.2003

tieghu u dan billi ikun konxxju minn dak li jkun qed issehh <u>mhux biss quddiemu, direttament fil-vizzwali tieghu, izda anke madwaru</u>:[75]

Illi huwa principju ben stabbilit ukoll li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm 'l hekk imsejjah "proper look out". Gie ritenut li-

*Hu dover ta' driver to see what is in plain view… u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout…Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*[76]

Illi l-istess Qorti ta'l-Appell Kriminli rriteniet ukoll li

*… biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...*[77]

Ghandha terga' issir riferenza ghal dak li kien deciz fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Haden Vella** inghad:[78]

….speed jista jkun ecessiv anke jekk ma jiskorriex il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita izda jiskorri dawk dedatti mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument

**Fid-decizjoni Il-Pulizija vs Carmel Mallia l-Qorti qalet:**[79]

Illi r-Regolament 75 tar-Regolamenti tal-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur jiddisponi li :-

*"Kull min ikun qed isuq vettura bil-mutur ghandu jzomm fuq in-naha tax-xellug tat-triq .." u "Meta jkun…. ser jaqbez xi vettura ohra …., kull driver ghandu jezercita l-kura u attenzjoni xierqa…"*

Umbaghad il-Malta Highway Code fil-paragrafu 48 jirrakkomanda hekk :-

*"KEEP WELL TO THE LEFT , except when you intend to overtake or turn right. Do not keep in the middle of the road…"*

u fil-paragrafu 62 jghid :-
"*Never overtake unless you KNOW that you can do so without danger to yourself or others…" u "IF IN DOUBT – HOLD BACK."* (Para . 65)

---

[75] **Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar**, Deciza 27.07.2011 per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke
[76] **Il-Pulizija vs Roderick Debattista** Appell Kriminali deciz 26.05.2004.
[77] **Il-Pulizija vs Joseph Grech** deciza 06.06.2003
[78] Qorti tal-Appell Kriminali, Deciza 12.07.2007
[79] Qorti tal-Appell Kriminali, Deciza 14.10.2004 per Onor.Imhallef Dr. J. Galea Debono

L-"overtaking" gie trattat "in extenso" fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Spiro Zammit**" [14.2.1962]. Din il-Qorti kien hemm osservat li ma hemmx dubju li l-manuvra tas-sorpass hi delikata u tali li tixhed fuq id-driver tal-vettura li jkun qed jissorpassa obbligi aktar gravi . Dan ma jfissirx pero' , li s-sorpass hu projbit imma biss li ghandu jsir bil-prudenza mehtiega. Il-Qorti kienet iccitat b'approvazzjoni lil **CHARLESWORTH** ("The Law of Negligence" p.78):-

"*The driver or rider of an overtaking vehicle , before attempting to overtake, should see that it is safe to do so …*" u lill **GIBB** (The Trial of Motor Car Accident Cases" ) :- "*He should wait for a suitable opportunity*
*before attempting the passage and he should not attempt to pass unless he can do so with reasonable safety.*"

**Fid-dawl tal-gurisprudenza enuncjata u mir-rizultanzi processwali l-Qorti tista' tasal ghall-certu konkluzzjonijiet:**

- Il-fatt li skond il-koppja Davies it-tifel mgholli l-fuq bid-daqqa hi indikazzjoni cara li l-velocita` tal-vettura, ma kienitx wahda moderata u li tizboq il-40-50km/h li kien qed isuq biha John Davies.[80]

- Hemm qbil anke da parti tal-imputat u l-passigier li kien mieghu, li kien qed isuq minn tal-inqas bejn il-50km/h u s-60km/h, velocita` li facilment tigi milhuqa partikolarment tenut kont li kif jixhed kemm Davies (u l-imputat quddiem il-perit tekniku) traffiku ma kienx hemm. Il-velocita` tizdied tenut kont li t-triq qeghda ghan-nizla u allura l-momentum ta' vettura gejja bi speed milhuq wara li **saru zewg *overtakings***, ma jkunx wiehed baxx.

- Ix-xhieda tal-koppja Davies li jsostnu li l-velocita` kienet wahda eccessiva issib korroborazzjoni meta jitqies li Pancar kien **ghadu kemm ghadda minn *traffic lights* u kien qed javvicina *traffic lights* u *pedestrian crossing* iehor, f'parti ta' triq li qeghda f'liwja** (quddiem l-ex Forum Hotel). Wayne Briffa li simili ghal Davies safa overtaken fil-liwja jikkonferma dan ukoll.[81]

- Gja saret riferenza li fejn sehh l-overtaking tal-koppja Davies hemm double **continuous white line**, **b'karreggata wahda** fuq kull naha tat-triq.[82] Dan jikkostitwixxi sewqan perikoluz f'zona li

[80] John Davies a fol.53-54; Jessica Davies a fol.67
[81] Fol.255-256
[82] Pjanta a fol.231 u relazzjoni a fol.229

hi abitata u fejn hemm **skola u centru sportiv**, u meta qed tigi avvicinata **blind corner**!

- Ma kienx hemm *proper look out* da parti ta Pancar tant li qatt ma ra il-minuri sakemm kien tard wisq u fejn lanqas lahaq ghafas il-brake.[83] Mix-xhieda tieghu jirrizulta li hu kien jaf li hemm **blind corner** u bil-prezenza tat-**traffic lights u l-pedestrian crossings**: *"Then there was a second light further down, before the second light, before I arrive the side of the Luxol Ground on my left hand side as a sudden someone came running out and it was too near my car. I didn't have time to apply the breaks there, I just turned the person I swept the car to the right side of my hand but unfortunately it was too late*[84]*.....* [it-tifel hareg] *From the left hand side but <u>I didn't see him because there is the Luxol Ground wall I think, there is the side road, with the side road there is a wall</u> and I think he came running out. ... No I just saw something in the beginning I didn't realise what it is, I mean a person, it was everything happen as a sudden...."*[85] ...[rah l-ewwel darba meta] *"He was really near the car, I didn't have any time to break I just to avoid him I just as a sudden swerve the car to the right side."*.[86]

- Illi r-ritratti[87] fir-rapport tal-espert mediku forensiku kif ukoll mir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina jidher li l-impatt kien fuq quddiem tan-naha tal-passiggier.[88]

- Il-koppja Davies jsostnu li l-imputat kien qed isuq fuq in-naha tal-lemin tal-karreggata: bl-imputat isuq fuq in-naha tal-lemin tal-karreggata: *<u>At that time the red car was about hundred (100) feet away from us.</u> The driver was travelling on the* ***right hand side of the carriageway next to the carriageway marking*** *when all of a sudden I heard a screech and a bang.* ***We saw the boy in mid air and turn a couple of times in the air****. Then we saw the car going to the right hand side and then it rested. When the driver overtook us at the bend we were travelling at a velocity of forty (40 kfs) kilometres per hour. The driver was driving faster than us."*.[89] Martu Jessica ukoll tghid li l-imputat

[83] Fol.116
[84] Fol.296
[85] Fol.298
[86] Fol.299
[87] Fol.180-181
[88] Fol.232. Vide ukoll relazzjoni a fol.228 et seq.
[89] Fol.118

kien qed isuq *"more on the other side of the road"*.[90] Dan juri li wara zewg overtakings, l-imputat baqa' fuq l-istess binarju.

- U jekk kien fuq in-naha ta' barra tal-karreggata kif jixhdu Davies, dan kellu **vizzwali akbar** tan-naha tax-xellug tat-triq izda madanakollu naqas milli jintebah bil-presenza tat-tifel li kien hareg ghat-triq arterjali.

- Id-distanza bejn fejn sar l-impatt u fejn waqfet il-karozza, distanza gmiela, fuq il-karreggata opposta jindika l-velocita` eccessiva li biha kienet qed tinstaq il-vettura li ma ppermettitlux jikkontrolla l-vettura.[91] Fil-fatt mill-kalkoli mahduma minn Buttigieg,[92] id-distanza minn fejn sehh l-impatt sal-post fejn waqfet tistrieh il-vettura, passi l-boghod minn fejn spicca mitfugh ukoll it-tifel (ritratt a fol. 179; skizz[93]) hi ta' **26.1 metri**.[94] *"Issa jien li qed nghid huwa l-karozza mill-point of impact sakemm waqfet hadet dik il-velocita` kollha biex waqfet f'dik it-triq."*[95] Anke kif xehdet l-Ispettur Fabri: *It-tifel l-indikazzjoni li kellna dak il-hin kienet fil-hrug tal-Luxol Grounds pero l-karozza nstabet metri konsiderevoli l'isfel mill-hrug tal-Luxol...."*[96]

- Illi r-regolament 127 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11) jipprovdi li l-limitu ta' velocita` **ghal bliet u irhula hu ta' 50km/h.**

- Buttigieg jikkonkludi li mill-kalkoli tieghu bejn il-post tal-impatt sal-post fejn waqqfet il-vettura juri li l-velocita` kienet ta' mhux anqas minn **70km/h;** f'zona abitata fejn hemm anke **skola, centru sportiv u zewg pedestrain crossings**.

- Id-distanza ta' **26 metru** li hadet il-vettura sakemm waqqfet tistrieh fuq in-naha opposta tal-karreggata, turi bic-cjar li ma l-imputat kien reha kull kontroll minn fuqha. Nuqqas ta' kontroll attribwit ghall-velocita` eccesiva li kien qed isuq biha.

---

[90] Fol.66
[91] Ibid
[92] Fol.127-128
[93] Fol.231
[94] Fol.128
[95] Fol.290
[96] Fol.35

- Daqstant iehor ma hemm ebda dubbju li l-imputat ma zammx **'a proper lookout'**. Altrimenti tenut kont li **kellu vizzwali** (jammetti dan l-imputat)[97]u l-impatt kien fuq in-naha tal-passigier, sewwieq li hu **'aware of his surroundings'** kien ikollu zmien bizzejjed biex anke jekk ma jevitax is-sinistru ghall-kollox, jevita l-konsegwenzi tragici tieghu.

Negligenza Kontributorja da Parti tal-Vittma

Illi d-difiza tissomottometi fin-nota taghha li kien il-parte leza li wasal ghas-sinistru u dan bil-kondotta xejn ghaqlija tieghu. Dan il-fatt kien anke mistharreg fil-fond mill-espert Buttigieg meta jelenka diversi regolamenti li l-parte leza naqas milli josserva: *"Illi l-Highway Code jgħid is-sussegwenti għar-rigward il-pedestrian; Pedestrians għandhom jevitaw li jimxu f'toroq arterjali jekk ma jkunx hemm passaġġi għall-mixi jew hard shoulder.*[98] *Toqgħodx titnikker bla bżonn fuq il-karreġġata. Ftakar li l-karreġġata qiegħda l-ewwel u qabel kollox biex jgħaddu minnha l-vetturi.*[99] Ikompli li *"fil-viċinanzi ta' fejn seħħ l-inċident hemm żewġ pedestrian crossings. Waħda tinsab erbgħa u sebgħin punt sitta ħamsa (47.65m) metru bogħod waqt li l-oħra tinsab mija u tmintax punt wieħed seba' (118.17) metru bogħod. IlliAsghil għażel illi ma jużax l-ebda waħda mill-pedestrian crossings provduti mill-awtoritajiet u minflok qasam minn post li jinsab bejn iż-żewġ pedestrian crossings msemmija. Illi dan il-fatt jindika illi hawn il-vittma naqset serjament u għandu jiġi rikonoxxut illi jista jkun hemm negliġenza kontributorja minn naħa tal-vittma. "*[100]

Jigi mfakkar li John Davies, li kien qed isuq ezatt wara l-imputat, baqa' ma rax lit-tifel qabel ma sehh is-sinsitru. Anke Jessica Davies tghid dan meta mistoqsija jekk ratx minn fejn kien gej it-tifel:*"I didn't see him run into the road or anything"*.[101] Il-fatt li ma rawx it-tifel hi indikazzjoni li kif jghid l-imputat dan **hareg mis-side road ghal got-triq arterjali ghall-gharrieda**.

---

[97] Fol.115 *"The road was dry and the weather was clear. As I was proceeding downwards there were a few cars which were quite a good distance away from me."*
[98] Regola 16 tal-Highway Code
[99] Regola 19 tal-Highway Code
[100] Fol.129
[101] Fol.66

Illi madanakollu hu risaput li fil-kamp penali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, dment li dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta′ haddiehor.[102] Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Baskal Saliba**:[103]

"L-appellant jinvoka wkoll in-negliġenza kontributorja tal-vittma. Hija ormai paċifika l-ġurisprudenza dwar l-effett tan-negliġenza kontributorja tal-vittma fuq ir-responsabilita' kriminali tal-imputat. In-negliġenza da parti tal-vittma ma twassalx għal xi forma ta' kompensazzjoni tal-ħtjiet b'mod li l-ħtija tal-vittma tannulla l-ħtija tal-imputat. Dan jista' jiġri fi proċeduri privati ċivili iżda ma hux ammissibbli fi proċeduri penali għalkemm in-negliġenza kontributorja tal-vittma tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-ġudikant meta jiġi biex jikkalibra l-piena f'każ ta' sejbien ta' ħtija fl-imputat.[104] In-negliġenza ta' ħaddieħor ma teskludix in-negliġenza proprja sakemm ma tkunx deċiżiva tal-inċident[105] u ċioe', in relazzjoni għall-komportament tas-suġġett passiv tar-reat il-ħtija tas-suġġett attiv tista' tiġi eskluża biss fil-każ li l-ħtija tas-suġġett passiv tkun l-unika kawża esklusiva tal-akkadut altrimenti jekk il-ħtija tal-vittma tkun biss konkorrenti u kontributorja, ir-responsabilita' kriminali tas-suġġett attiv tar-reat tibqa' l-istess, salva, f'sede kriminali, il-miżura tal-piena[106]. Fil-każ odjern irriżulta li n-negliġenza li seta' kien hemm da parti tal-vittma ma kienetx il-kawża esklusiva tal-akkadut u għalhekk l-imputat jibqa' responsabbli kriminalment għal dak l-akkadut. Bdanakollu li kien hemm negliġenza da parti tal-vittma irriżultat ukoll u għalhekk din il-Qorti ser tieħu dan in kunsiderazzjoni meta tiġi biex tikkunsidra l-aggravju tal-appellant dwar il-piena."

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizja vs Alan Agius**:[107]

L-awtur Mario Codagnone fil-ktieb tieghu "Casi pratici in materia di circolazione stradali" (pagna 51 jghid: "riteniamo che allo stato attuale delle cose si imponga in anzi tutto un affermazione di principio: la strada e` di tutti. Essa e` un bene al qui utensa i cittadini tutti sono ammessi con parità di diritti e di doveri ed oseremo anzi dire con maggiori doveri da parte di co loro che la dominano alla guida di mezzi che, per le loro intrinsiche caratteristiche di velocità e potenza, possono costituire anche solo per questo, un immanente pericolo per la circolazione."

Dan il-principju kwindi filwaqt illi jirrikonoxxi illi kulhadd ghandu dritt ikun fit-triq min ikun qed isuq però jrid joqghod aktar attent mill-pedestrian minhabba perikolu li tista' tikkawza vettura anki f'mument ta' aljenazzjoni. Kien proprio dan il-hsieb illi wassal lill-ewwel Qorti biex ticcensura lill-appellant ghan-nuqqas ta' proper look out. [emfazi tal-Qorti]

102 App. Kriminali: **"Il-Pulizija vs Gaetano Schembri"** [16.3.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Polidano"** [3.11.1963]; **"Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud"** [Kollez Vol. XXXVII. p.iv. p.1131] u ohrajn; Citati fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** per Onor Magistrat Dr. Josette Demicoli deciza 5.10.2015

103 Deciza 28.07.2017; Per S.T.O. Il-Prim Imhallef Dr. Silvio Camilleri

104 Q App Kr. Inf. **P v Joseph Muscat**, 10/6/1994

105 Q App Kr Inf. **P v Rev Carmelo Mifsud**, 5/9/1953

106 Q App Kr Inf. **P v Joseph Farrugia**, 1/6/1963, XLVII.iv.1236

107 Appell Kriminali, Deciz 11 ta' Lulju, 2013; Per Onor. Imhallef Dr. Michael Mallia.

L-awtur **Gib**b fil-ktieb tieghu "Collisions on Land" (section 148) jghid: "If the plaintiff was struck immediately after he stepped off the kerb onto the roadway, the position is the same as in the case of his attempting to cross a street, the Court may refuse to believe that he had looked and failed to see the car. <u>If, however, the plaitiff walked quite a distance before he was struck, it is less likely that the accident was unavoidable on the part of the motorist."</u> [emfazi tal-Qorti]

<u>F'dan il-kaz il-vittma lahaq qasam bicca sew mit-triq</u> qabel ma ntlaqat mill-vettura fi triq illi kienet imdawwla sew u ma kien hemm l-ebda raguni il ghala l-appellant ma kellux jinduna bil-vittma kwazi magenb il-karozza tieghu. Fil-fatt l-appellant lanqas induna b'xejn il ghaliex huwa irrealizza illi seta' gara xi haga meta hass id-daqqa mal-karozza fuq in-naha tal-lemin tieghu fejn allura kollox kien in plain view u ma kien hemm l-ebda ostakolu bejn il-pozizzjoni tas-sewqan tieghu fuq il-lemin u l-vittma tavvicina minn fuq illemin illi ma jarax il-vittma f'distanza daqshekk qasira. Anki li kieku l-appellant kien mohhu fil-pelican lights, b'daqshekk ma jfissirx illi ma kellux jinduna bil-vittma tersaq lejh proprju min-naha tas-sewqan tieghu. [emfazi tal-Qorti]

L-appellant jista' jargumenta illi l-vittma wettaq certa nuqqasijiet meta qasam it-triq fi stat ta' sokor. Dana, però, mhuwiex ta' konfort ghall-appellant. Fil-kawza **Said versus Fountain** (Vol. LXLII, part 1, pagna 15) il-Qorti qalet, "F'materja ta' danni kagunati f'incident tat-traffiku, xejn ma jiswa biex jezenta minn kull responsabiltà lill-awtur taddanni l-fatt li l-attur li jfittex id-danni kien kontraventur meta gie investit minn karozza, u li l-kontraventur ma jimmeritax il-protezzjoni tal-ligi, ghaliex hu principju ormai pacifiku fil-ligi li min qieghed isuq karozza ghandu juza lmezzi kollha biex jigu evitati l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' haddiehor; u jekk ma juzax dawn il-mezzi, huwa jkun legalment responsabbli avolja hu jkun qieghed josserva rigorozament ir-regolamenti." (ara ukoll XXVII, part 1, pagna 988; XXIV, part 4, pagna 740; XXX, part 4, pagna 616, 625). L-istess jinghad fil-kawza **Il-Pulizija versus Mifsud** (XXXVIII, part 4, pagna 859) "Anke fl-assenza hawn Malta, ta' regolamenti li jiddixxiplinaw lill-pedestrians hu cert li, anki meta jkun fil-carriageway il-pedestrian huwa intitolat ghall-uzu ta' diligenza ordinarja mill-parti tad-drivers f'dik il-carriageway. Il-pedestrian li jaqsam ittriq ghandu d-dritt kollu li d-driver juza d-diligenza mehtiega biex jevitah, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement, u d-driver ghandu jkun ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu f'pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian."

Imbghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelus Bartolo u Omissis** intqal kif gej:[108]

Fis-sistema penali taghna, il-*contributory negligence* tat-terz ma tezonerax lill-akkuzat mir-responsabbilta' kriminali sakemm ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru **"Il-Pulizija vs. P.Vassallo."** (App. Krim. Vol. XXXVIII,iv.p.883) Kif jghid**O.C. MAZENGARB** fil-monografija tieghu "Negligence on the Highway" (Butterworth's Edit.1962 p.327), citat b' approvazzjoni fl-Appell "Camilleri vs.Cutajar" [9.12.1968] *"If the defendant's conduct is itself negligent, he will not be heard to say that his negligence would not have resulted in damage unless somebody else had also been negligent. So long as the damage complained of is the natural and direct outcome of the original negligence, the wrongful interference of another will not relieve the defendant from responsibility."*

Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) f' **Il-Pulizija vs Lorenza Curmi** ghamlet dawn l-osservazzjonijiiet dwar id-dmir tal-pedestrian. Osservazzjonijiet li jsibu applikazzjoni ghal kaz in dezamina:[109]

---

[108] App. Krim. Nru. 123/2006; Deciz 11 ta' Jannar, 2007; Per Onor. Imhallef Dr J. Galea Debono

Illi l-Highway Code ighallimna illi meta nigu biex naqsmu triq ghandhom jigu imhares is-segwenti regolamenti:

23.*Qabel taqsam, ieqaf qabel ma saqajk iħallu l-bankina, fejn int tkun tista' tara jekk ikun ġej xi ħadd. Tersaqx qrib ħafna tat-traffiku. Jekk m'hemmx bankina jew sidewalk żomm lura mit-tarf tat-triq iżda kun żgur li tista' tara t-traffiku li jkun ġej u li t-traffiku jkun jista' jara lilek.*

24. *Ħares sewwa madwarek u isma'. Il-vetturi jistgħu jiġġu minn kull direzzjoni. Isma' sewwa, għax kultant tista' tisma' t-traffiku qabel ma tarah.*

25. *Jekk tkun ġejja xi vettura, ħalliha tgħaddi. Erġa' ħares madwarek u isma'. Taqsamx qabel ma jkun hemm qtugħ mingħajr periklu fit-traffiku u inti tkun żgur li hemm ħafna ħin. Ftakar, anke jekk vettura għadha 'l bogħod, tista' tkun riesqa b'veloċità kbira.*

26. *Meta ma jkunx hemm periklu, aqsam dritt it-triq, tigrix, tmurx lagenba. Ibqa' hares u issemma' ghat-traffiku waqt lit kun qed taqsam, fil-kaz li jkun hemm xi traffiku li ma tkunx rajtu, jew fil-kaz li jitfaccja xi traffiku ghall-gharrieda.*

Imbaghad ikompli:

33. *Jekk għandek taqsam it-triq minn bejn karozzi pparkjati, uża t-truf ta' barra tal-vetturi daqs li kieku kienu l-kurduna tal-bankina. Ieqaf hemm u kun żgur li tista' tara sewwa madwarek u li t-traffiku jista' jara lilek. Qatt m'għandek taqsam it-triq minn quddiem, jew minn wara, xi vettura bil-magna startjata, speċjalment vettura kbira, għax is-sewwieq ma jkunx jista' jarak.*

53. *Tfal żgħar qatt m'għandhom jiġu fdati waħidhom la fuq il-bankini u l-anqas fit-triq. ...*

Illi maghdud dana kollu ghalhekk ma hemmx dubbju illi l-minuri ma osserva l-ebda wahda minn dawn ir-regolamenti u ghalhekk kellu rwol kbir f'dan is-sinistru stradali meta qabbad u hareg ghal got-triq bl-addocc f'sitwazzjoni fejn hija thalla jmur jixtri wahdu minghajr is-supervizjoni ta' xi adult. Jibqa' l-fatt li mill-provi akkwiziti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li ghalkemm kien hemm dan in-nuqqas mill-parte leza meta naqas li juza l-pedestrian crossing, xejn ma jnaqqas mill-fatt bhala rizultat tas-sewqan traskurat u perikoluz da parti tieghu, l-imputat ikkawza l-mewt ta' Rodwan Aghil.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, fejn ghal fini ta' piena t-tieni u t-tielet imputazzjoni huma

[109] Per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima, Deciza 28 ta' April 2011

assorbiti fl-ewwel imputazzjoni. Fis-sentenza fl-ismijiet il-Qorti tal-Apell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Pace** gie deciz:[110]

Illi dina l-ipotezi tal-konkors formali tar-reati giet imfissra fl-artikolu 78 tal-Kodici penali Taljan tal-1889: "***Colui che con un medesimo fatto viola diverse disposizioni di legge, e' punito secondo la disposizione che stabilisce la pena piu' grave.***"

Dwar dan il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dawar il-Proċedura (paġina 45) jgħid hekk:

***' In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in 'Rex versus Rosaria Portelli' has now become settled law."***

"Fil-fatt fit-2 ta' Diċembru, 1939, l-Imħallef Harding fil-każ **'Camilleri versus Cilia'** kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, **mibni fuq l-istess intenzjoni,** jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, **m'hemmx pluralita' ta' offiżi iżda offiża waħda** bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja.[111]"

Illi fis-sentenza mill-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antoine Cassar** intqal:[112]

L-ewwelnett din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza citata mill-Avukat Generali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Michael Bonnici u Joseph Azzopardi**[113] fejn jinghad illi:

**"... taht il-ligi taghna, huwa rikonoxxut illi att uniku, cioe` *actus reus* wiehed jista' jaghti lok ghal ksur ta' aktar minn disposizzjoni wahda tal-ligi. Infatti, huwa principju notorju fid-dritt penali taghna, kif ukoll f'sistemi esteri ohra, illi l-istess att doluz jista' jikser diversi disposizzjonijiet tal-ligi u jikkostitwixxi aktar minn delitt wiehed."**

Imbghad il-Qorti fil-kawza **Il-Pulizija vs Joseph Mifsud** iddecidiet:[114]

Għal dik li hi plurarita' ta' akkużi, il-Qorti qed timxi mad-duttrina tal-konkurs formali jew ideali kif esposta mill-**Professur Mamo** fl-Ewwel Parti tan-Noti tiegħu dwar il-Liġi Kriminali. Infatti l-Professur Mamo jikteb:

---

[110] Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima, Deciza 21 ta' Jannar 2016; Appell Kriminali Numru 480/2015

[111] **Il-Pulizija vs Gregory Paul Brincat et** – App.Inf. 20/09/2012

[112] Per Onor. Imhallef Dr. David Scicluna, Deciza 22 ta' Settembru, 2009; Appell Kriminali Numru. 197/2007

[113] Appell Kriminali, 11 ta' Jannar 1994.

[114] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Magistrat Dr. Lawrence Quintano, Deciza 15 ta' Mejju, 2005.

***'The first and typical form of this concursus arises where one and the same fact constitutes an offence under two or more provisions of the law. (In such a case) the accused is punished in accordance with the provision establishing the heaviest punishment. Two elements are necessary to constitute this form of ideal concursus i.e. one fact and several violations of the law.***

***Omissis***

***So, in order that the violations of the several provisions of law may constitute and be dealt with as one single offence, it is essential that they be the result of one single action on the part of the offender and of one and the same criminal determination.....That which therefore prevails in determining whether the fact was one is the assessment of the intention and the purpose of the agent.'***[115]

Fil-każ odjern jidher li għalkemm hemm għadd ta' imputazzjonijiet, l-intenzjoni kriminali kienet waħda.

Fir-rigward tal-piena erogabbli ssir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**:[116]

Fil-verita l-iskop tal-piena mhuiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.

Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu……

Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[117]

---

[115] Professur Mamo: Notes on Criminal Law Part I pages 151 and 152.

[116] **Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deciza 28.11.2006.

[117] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Dec. 22.09.2009.

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;….[118]

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ukoll ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha dwar dak li l-gudikant irid iqis meta jasal biex jeroga l-piena:[119]

Din il-Qorti tirrileva illi fil-waqt li piena errogata hija fil-parametri tal-Ligi, il-Qorti m'hijiex avversa ghat-talba ta' l-appellant illi din il-piena tigi b'xi mod varjata. Din il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni l-eta' tenera ta' l-appellant fil-gurnata ta' l-incident. Incident sfortunat, fejn veru tilef hajtu Clifford Micallef kawza ta' sewqan esagerat ta' l-appellant, liema sewqan huwa aktar attibwit lejn l-inesperjenza taz-zoghozija milli ghal xi tendenza tal-kriminalita` ta' l-appellant.

L-appellant ghandu fedina penali nadifa u jidher li din hija l-ewwel darba li kiser difru mal-Ligi, mhux il-kaz li jintbaghat il-habs sabiex jirriforma ruhu. Ma jidhirx li hemm xi haga x'jigi riformat u ma hemmx dubju illi l-konsegwenzi tas-sewqan tieghu ser ikunu rimors ghalih li jrid jibqa' jghix bih tul hajtu kollha. Din hija piena fiha nnifisha u l-ebda perjodu l-habs ma jista jikkancella dan il-fatt. F'kazijiet ta' omicidju involontarju l-Qrati taghna kienu dejjem lesti jikkundanaw l-azzjoni imma meta tigi sabiex tikkundanna l-persuna, dejjem raw ic-cirkostanzi partikolari ta' dak li jkun u kemm il-persuna kienet propensa lejn il-kriminalita jew ma kinetx. F'dan il-kaz il-Qorti hija sodisfata illi l-appellant m'huwiex xi kriminal.

Dan kien incident sfortunat illi halla konsegwenzi tragici izda biex issir gustizzja l-Qorti ma jidirlhiex illi ghandha tmur ghal-estremi tal-Ligi u tapplika l-piena ta' prigunerija effettiva.

Illi l-Qorti kkunsidrat li l-piena ghandha tirrifletti fuq l-grad ta' negligenza u traskuragini riskontrata fil-kondotta tal-imputat.

Fid-dawl tal-insenjament enuncjat din il-Qorti ddeliberat fit-tul stante li kif inghad jista' jaghti l-kaz li l-agir tal-imputat, ghad li jkun ta' natura kriminuza, pero` ma jilhaqx dak l-grad li timmerita piena restrittiva tal-liberta personali, partikolarment meta bhal fil-kaz in dezamina meta kien hemm in-negligenza kontributorja tal-vittma.

Hekk ghamlet din il-Qorti u meta qiset u wiznet il-provi kollha li ngiebu quddiemha, sabet li minkejja li hu minnu li kien hemm negligenza kontributorja tal-vittma - li l-izball uniku tieghu kien li ghazel ma juzax il-*pedestrian crossing* - kien is-sewqan traskurat u mill-aktar perikoluz tal-imputat li rrenda w ttrasforma vettura, invenzjoni intiza bhala komodita` ghall-bniedem, f'arma letali kapaci li tahsad il-hajja. Is-sewqan perikoluz tal-imputat ma ppermettiex li tittiehed azzjoni evaziva

---

[118] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Deciza 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

[119] **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef**, Deciza 01.03.2012; per Onor. Imhallef Dr. Michael Mallia. Appell Kriminali Numru. 378/2010

sabiex jigi evitat l-impatt jew mtaffija l-konsegwenzi tan-nuqqas tat-tfajjel.

Il-Qorti tkun qed tonqos jekk ma tosservax li aktar ma jghaddi zmien aktar qed tinbet spavalderija kbira mis-sewwwieqa lejn id-doveri li jispettawhom taħt il-liġi, fejn tirrenja l-indifferenza lejn l-inkoluminita' ta' sewwieqa ohra kif ukoll lejn il-pedestrian. Spavalderija u attitudini mill-aktar menefregista li titlob anzi tinnecesita` aktar sorveljanza u infurzar serju u kontinwu mill-awtoritajiet responsabbli. Iz-zmien li wiehed jikkoncentra biss fuq l-edukazzjoni tal-utenti tat-triq ghamel zmienu u minn ried jitghallem altru` li nghata zmien bizzejjed biex jitghallem. Jinhtiegu issa mizuri iebsa li jolqtu kemm li-sewwieq u jekk ikun il-kaz anke l-pedestrian; wasal iz-zmien li azzjonijiet insensati da parti tal-pedestrian ukoll ikunu sanzjonati mill-ligi bl-istess mod li jigu sanzjonati sewwieqa!

L-introduzzjoni ta' l'hekk imsejjha *'Pedestrian Offences',* ezistenti diga f'bosta gurisdizzjonijiet, ghandha tigi kkunsidrata mill-legizlatur ghall-istess ghan u cioe` li jigu evitati incidenti u dizgrazzji fit-toroq.

Fil-mankanza ta' infurzar rigoruz u mizuri kuragguzi li tassew isservu ta' deterrent da parti tal-awtoritajiet risponsabbli, l-oneru li tigi ripristinata s-sigurta` fit-toroq taghna kull ma jmur qed jigi spustat aktar u aktar fuq il-Qrati u dan permezz tad-decizjonijiet minn taghhom. Kif kellha okkazzjoni tenuncja ruha l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Antoine Cassar**:[120]

Din il-Qorti taqbel mal-hati illi m'hemm xejn x'juri illi hu xi minaccja ghas-socjeta`, l-anqas li hemm bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu jew li hu xi persuna ta' kondotta vjolenti. Il-kondotta tieghu fil-fatt hi wahda netta. Mill-banda l-ohra, fl-istess sentenza ccitata mill-hati, cioe` **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef**, intqal ukoll li wiehed mill-iskopijiet tal-piena hu li fil-kaz ta' reati gravi "is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali." Fil-fatt il-messagg li jrid jintbaghat f'kazijiet bhal dak in ezami hu li l-hajja mhijiex irhisa u li t-tehid ta' hajja anke involontarjament ghandu jitqies bhala xi haga serja u gravi. Sta ghal-legislatur imbaghad biex jiddeciedi ghandux ikompli jenfasizza dan bl-emendi opportuni fil-ligi taghna.

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikolu 225(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(2)(3) tal- Ordinanza dwar it-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolament 127 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11; A.L. 128/1994), issib lill-imputat

---

[120] Per Onor. Imhallef Dr. David Scicluna; Appell Kriminali, Dec. 22.09.2009.

hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-tnejn u tlettin (32) xahar prigunerija.

Inoltre` tiskawlifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' erba (4) snin.

Ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta tordna il-konfiska tal-vettura tal-għamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni ALI 519, favur il-Gvern ta' Malta.

Finalment b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil imputat jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €3,084.57.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**